# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-28 ta' Jannar, 2016**

**Rikors Numru 711/2013**

**Fl-atti tal-mandat kawtelatorju ta' qbid u elevazzjoni Nr. 1059/13 fl-ismijiet:**

**Johncar Company Limited**

**vs**

**Philip George Degiorgio et**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat it-23 ta' Lulju, 2013, li permezz tiegħu sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi fl-istess gurnata indikata fil-paragrafu precedenti gie esegwit il-mandat kawtelatorju fuq indikat fil-lukanda tar-rikorrenti *"Sliema Hotel"*, *The Strand*, tas-Sliema;

1.2. Illi l-allegata socjeta` kreditrici gia` istitwiet kawza in sostenn tal-kreditu minnha vantat fil-konfront tal-intimati;

1.3. Illi l-istess kawza giet regolarment kontestata, (ara foll 3);

1.4. Illi l-lukanda fuq riferita, flimkien mal-kontenut ta' go fiha, jikkostitwixxu l-uniku mezz t'ghajxien tar-rikorrenti u tal-familja tieghu;

1.5. Illi *di piu`*, huma wkoll l-uniku mezz li permezz tieghu l-istess intimati jistghu jhallsu lill-kredituri taghhom;

1.6. Illi r-rikorrenti kkonkludew kuntratt redditizju li jippermettilhom jissodisfaw il-kreditu tas-socjeta` hawn intimata;

1.7. Illi rizultat tal-mandat kawtelatorju in dizamina r-rikorrenti huma esposti ghad-danni;

1.8. Illi l-mobbli sitwati fil-lukanda *de quo* ghandhom valur irrizorju;

1.9. Illi ghalhekk l-animu veru wara l-mandat in dizamina mhux biex jigi kawtelat il-kreditu involut izda li jirvina lir-rikorrenti finanzjarjament;

1.10. Illi ghaldaqstant jitolbu li din il-qorti:

1.10.1. Tirrevoka *contrario imperio* il-mandat kawtelatorju in dizamina;

2.0. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` hawn intimata datata t-30 ta' Lulju, 2013, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

2.1. Illi *prima facie* ghandha bazi konvincenti ghall-hrug tal-mandat *de quo*;

2.2. Illi l-allegazzjonijiet li fuqhom jistriehu r-rikorrenti odjerni m'humiex konvincenti u huma inapplikabbli;

2.3. Illi l-kuntratt allegatament konkluz mir-rikorrenti odjerni rigwardanti l-gestjoni tal-lukanda in dizamina bl-ebda mod ma jaffettwa l-obbligu li huma ghandhom fil-konfront tas-socjeta` hawn intimata;

2.4. Illi s-socjeta` hawn intimata ghandha dritt tirrikorri ghall-mandat kawtelatorju in dizamina;

2.5. Illi fl-agir taghha s-socjeta` hawn intimata m'ghamlet xejn malizzjuz, nociv, vessatorju jew vendikattiv kif allegat mir-rikorrenti odjerni;

2.6. Illi l-istess socjeta` agixxiet biss fil-limitu tal-ezercizzju legittimu tad-drittijiet taghha;

2.7. Illi f'kaz ta' garanzija da parti tar-rikorrenti, s-socjeta` hawn intimata hi disposta tirrevoka l-mandat *de quo* hi stess;

3. Rat id-digriet taghha datat id-9 ta' Gunju, 2015, li permezz tieghu, fuq talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 45);

4. Rat il-verbal ukoll datat id-9 ta' Gunju, 2015, li permezz tieghu gie hemm ukoll stabbilit li t-trattazzjoni in dizamina tapplika wkoll ghall-kawza fl-ismijiet *Johncar Company Limited* vs. Philip George Degiorgio et, Rikors Numru 420/2012;

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` hawn intimata datata l-31 ta' Lulju, 2015, (ara foll 62), flimkien ma dik tar-rikorrenti odjerni datat id-29 ta' Settembru, 2015, li taghmel referenza ghan-nota minnhom sottomessa fl-atti tal-kawza riferita fil-paragrafu precedenti, (ara foll 201);

6. Tirrileva li kif espost mill-istess rikorrenti odjern, il-procedura odjerna qed timxi flimkien mal-procedura l-ohra indikata precedentement, (ara paragrafu numru erbgha, (4.), aktar qabel), u ghalhekk ix-xhieda u dokumenti hemm esebiti japplikaw ukoll fil-procedura odjerna, (ara foll 201);

7. Semghet ix-xhieda prodotta;

8. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

9. Regghet ezaminat il-process kollu inkluz fir-Rikors Numru 420/2012 fuq gia` riferit;

Ikkunsidrat:

10. Illi fl-essenzjalita` taghha din il-procedura hi ristretta ghal talba da parti tar-rikorrenti odjerni ghall-hrug ta' kontro-mandat wara il-hrug tal-mandat ta' qbid kawtelatorju li jgib in-numru 1059/2013 indikat fl-okkju tal-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi in sosten tat-talba taghhom fuq indikata r-rikorrenti sintetikament isostnu is-segwenti:

11.1. Illi l-lukanda fuq riferita hi l-uniku sostenn finanzjarja tar-rikorrenti odjerni;

11.2. Illi ghalhekk l-istess lukanda hi effettivament l-uniku mezz li permezz tieghu r-rikorrenti jistghu jaghmlu tajjeb ghad-debiti li huma ghandhom fil-konfront tas-socjeta` hawn intimata;

Ikkunsidrat:

12. Illi *nonostante* l-isforz riskontrat mir-rikorrenti biex jipprovaw jikkonvincu lill-qorti odjerna biex takkolji t-tezi minnhom esposta, dawn jonqsu jindirizzaw l-ilment taghhom fil-

limitazzjonijiet tar-rekwiziti elenkati fl-artiklu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif dovut;

Ikkunsidrat:

13. Illi ghandu jkun pacifiku li mandat bhal dak in dizamina jinhareg biss a bazi ta' analisi in *prima facie*;

14. Illi kif irriteniet il-***Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Camilleri vs. Gove` et, deciza fl-10 ta' Mejju, 2001***:

> "... mid-disposizzjoni tal-istess artiklu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa biss dak ta' *prima facie* u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjonijiet sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan, tenut kont li hawn *si tratta* dejjem ta' procedura preliminari li ghad qed tistema l-ezitu finali tal-kawza proprja";

Ikkunsidrat:

15.0. Illi fid-dawl tal-insenjament suespost jinghad sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi r-rikorrenti odjerni, ghalkemm intavolaw it-talba taghhom ghall-hrug ta' digriet *contrario imperio* fir-rigward, naqsu jgibu prova in *prima facie* li tista` tissufraghom;

15.2. Illi ghalkemm jallegaw li hallsu l-ammont dovut u li l-imghaxijiet involuti huma bl-uzura, dawn l-allegazzjonijiet ma gewx suffragati bil-provi leciti skont il-ligi u ghalhekk, lanqas fil-livell tal-*prima facie*;

15.3. Illi rigward id-danni allegati mir-rikorrenti odjerni naxxenti mill-fatt li l-lukanda in dizamina kienet ibbukkjata, jinghad li dan il-fatt ma jinkwadrax fl-artiklu in dizamina fuq riferit li fuqhu tista` legittimament tintalab ir-revoka tal-mandat *de quo*;

15.4. Illi finalment jirrizulta debitament assodat li l-kreditu kawtelat bil-mandat kawtelatorju in dizamina jirrizulta *prima facie* mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu *in atti* tan-Nutar Dottor Pierre Cassar, datat is-17 ta' Frar, 2006, (ara foll 33);

Ikkunsidrat:

16.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti pprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

16.1. Takkolji r-risposta tas-socjeta` hawn intimata;

16.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

16.3. Bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**